31976R1520

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1520/76 ta' fl-24 ta' Ġunju 1976. fuq l-importazzjoni ta' qamħ durum li oriġina fil-Marokk

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 43 u 113 hemm imsemmija,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi l-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk u l-Ftehim Interim [2] fuq l-implimentazzjoni avvanzata ta' ċerti disposizzjonijiet tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni rigward il-kummerċ ta' oġġetti ġie ffirmat fis-27 ta' April 1976;

Billi l-Artikolu 16 tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni u l-Artikolu 9 tal-Ftehim Interim jipprovdu għal arranġamenti speċjali għall-importazzjoni ta' qamħ durum li jaqa' taħt it-testatura 10.01 B tat-Tariffi Doganali Komuni li oriġina fil-Marokk; billi l-implimentazzjoni ta' dawn l-arranġamenti jirrikjedu li r-regoli ta' implimentazzjoni jiġu adottati,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-inpost applikabbli fuq l-importazzjoni fil-Komunità ta' qamħ durum li jaqa' taħt is-sottointestatura 10.01 B tat-Tariffi Doganali Komuni li oriġina fil-Marokk u t-ttrasportat dirett mill-Marokk lejn il-Komunità tkun stabbilita skond l-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2727/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq fiċ-ċereali [3], nieqes 0 75 ta' unità ta' qies għal kull tunnelaġġ metriku.

Artikolu 2

L-arranġamenti pprovduti għal dan f' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw b'effett mid-data ta' d-dħul fis-seħħ ta' l-Arranġament Interim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tal-Marokk.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum ta' wara li jiġi ppublikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-24 ta' Ġunju 1976.

Għall-Kunsill
Il-President
G. THORN

[1] Opinjoni mogħtija fit-18 ta' Ġunju 1976 u għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
[2] ĠU L 141, tat-28.5.1976, p. 98.
[3] ĠU L.281, ta' l-1.11.1975, p.1.